**8 ta' Mejju, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Pietru Pawl Said *et*

*versus*

Giuseppi Said *et*

## Rikors ta' l-Appell – Malleverija

*L-obbligu ad validitatem stabbilit bl-artikolu 249(1) tal-Kapitolu 12 li l-malleverija għandha takkompanja kontestwalment il-petizzjoni ta' l-appell jestendi wkoll għar-rikors ta' appell minn digrieti interlokutorji.*

*Rikors ta' l-appell minn digriet interlokutorju mhux akkompanjat b'malleverija huwa rritu u null.*

Il-Qorti: –

Din hija sentenza preliminari fuq punt proċedurali ssollevat *ex officio* minn din il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 1989;

B'dan l-appell, Maria mart Michele Grima qed titlob li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer t'Għawdex u Kemmuna fl-attribuzzjoni superjuri tagħha, fil-kompetenza Ċivili tat-22 ta' April, 1988, fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha l-istess Qorti ċaħdet it-talba għall-isfilz tad-Dokument "CS" u ordnat li tinżamm seduta finali fil-5 ta' Mejju, 1988, fil-5 p.m., u ddifferiet il-kawża għar-rapport għas-7 ta' Ottubru, 1988, u minflok tiddikjara illi t-talba għall-isfilz ta' l-istess dokument hija ġustifikata u kellha tintlaqa' u konsegwentement tordna l-isfilz tad-dokument "CS" esibit mill-attriċi Carmela Attard fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 1987, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata;

L-appell ġie interpost permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru fil-25 ta' April, 1988;

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 1989, din il-Qorti rrilevat li r-rikors ta' l-appell ma ġiex akkompanjat b'malleverija skond

il-liġi;

Id-difensur ta' l-appellant kellu jirregola ruħu iżda billi ma għamel xejn minn dan il-Qorti issa ser tgħaddi biex tiddeċidi l-kwistjoni;

*Ikkunsidrat għalhekk:*

Illi kif deċiż diġà b'diversi sentenzi tagħha (ara Garroni *vs* Garroni, 31-3-78 u Azzopardi untrinque 12-12-83) bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 229(7) tal-Kap. 12, l-obbligu *ad validitatem* stabbilit *bl-artikolu* 249(1) (Kap. 12) li l-malleverija għandha takkompanja kontestwalment il-*petizzjoni ta'* l-appell jesteni wkoll għar-rikorsi ta' appell minn digrieti interlokutorji;

F'dal-każ *si tratta* ta' appell b'rikors minn digriet interlokutorju u *billi* r-*rikors ta' l-appell ma* ġiex akkompanjat b'malleverija, isegwi li l-*istess appell huwa rritu u null;*

Għal dawn il-motivi tiddikjara rritu u null l-appell ta' Maria mart Michele Grima u konsegwentement ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż ta' din *l-istanza jkunu a kariku* ta' l-appellanti. *Tordna* fl-aħħarnett li l-*atti* jintbagħtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.